MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Numru 480/1991

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charles Demicoli)**
**(Spettur Carmel Magro)**

**Vs**

**Mario Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront ta` l-imputat u dan talli

1) F'Tas-Sliema fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 t'Ottubru, 1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u somma ta' flus li l-ammont taghhom huwa ta' aktar minn Lm1000 mill-fond Nru. 5, Gafar Street, Sliema, ghad-dannu ta' Joseph Mifsud, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin.

2) Talli f'Tas-Sliema fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 t'Ottubru, 1991 bil-hsieb li jikkommetti serq mill-fond Nru 5, Gafar Street, Sliema, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu.

3) Talli huwa sar recidiv f'delitt billi huwa kien gie kundannat ghal reati b'sentenzi li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' 17.10.88, 15.1.90 u barra minn hekk l-imsemmi Mario Borg kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tal-24.10.90 taht il-provvedimenti ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 160 tal-atti) li biha, billi deherlu li tista` tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat a basi tal-istess kumpilazzjoni, taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 364, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3), 20, 279(b) tal-Kodici Kriminali;
b) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 365, 266, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3), 20, 279(b) tal-Kodici Kriminali;
c) fl-artikoli 533, 49, 50, 28(B)(C) tal-Kodici Kriminali;
iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta` l-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni (fol 161 tal-istess atti).

Semghet ix-xhieda riprodotti in kontro ezami mill-istess akkuzat.

Rat dak verbalizzat a fol 219 u 220 tal-atti.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>Ispettur Carmelo Magro</u> (fol 22 u fol 107 et seq ibid) spjega illi fid-9 ta' Ottubru 1991 ghall-habta tal-4am kien

sar jaf illi kienet saret serqa fil-post numru 5, Triq Gafar, f'Tas-Sliema, ir-residenza ta' Joseph Mifsud.
Meta mar fuq il-post, kien ra' u ikkonstata illi l-bieb ta' barra tal-istess post li hu terran kellu s-serratura sgassata kif ukoll illi kien hemm taqlib fi tlett ikmamar. Inoltre Joseph Mifsud kien qallu illi kien hemm neqsin kemm Lm900 fi flus kontanti kemm oggetti tad-deheb appartenenti lilu u lill-martu. Joseph Mifsud kien qallu ukoll illi, fil-lejl ta' qabel, bejn is-7 u t-9 ta' Ottubru 1991, kien sar tentattiv ta' serq fir-residenza tieghu msemmija billi xi hadd ipprova jisgassa il-bieb taghha. Dwar dan it-tentattiv Joseph Mifsud ma kienx irrapurtah lill-Pulizija. F'dan il-lejl, meta sar it-tentattiv, Joseph Mifsud kien qal lix-xhud li huh Martin kien innota karozza tal-marka "Volkswagen Beetle" vicin l-istess residenza, liema vettura kienet ta' kulur safrani b' "beige" u kellha daqqa fuq il-"mudguard" ta' quddiem minghajr, pero, ma' nnota n-numru ta' registrazzjoni taghha. Meta ix-xhud kien tkellem ma' Martin Mifsud, dan kien qallu illi martu kienet qaltlu, permezz ta' telefonata waqt li kien qed jahdem fil-forn tal-hobz illi kienet osservat <u>zewg persuni</u>, b'wiehed minnhom jipprova jisgassa il-bieb tar-residenza ta' Joseph Mifsud, biz-zewg residenzi faccata ta' xulxin. Hawnhekk Martin Mifsud hareg mill-forn li jinsab fil-kantuniera gewwa Triq Gafar magemb ir-residenza tieghu. Difatti hu kien ra' l-vettura msemmija u  kif deskritta waqt li zied illi din kellha "stickers" kulur ahdar imwahhlin fuq quddiem kif ukoll illi il-"bumper" ta' quddiem kien mizbugh b'kulur iswed. Dwar in-numru, pero' hu ma kienx jafu.
Waqt l-investigazzjonijiet ta' dan il-kaz, kien irrizulta illi kien hemm karozza <u>simili</u> ghal dik deskritta ipparkeggata vicin forn f'Triq Censu Borg fil-Hamrun liema forn jappartjeni lil hu d-derubat Joseph Mifsud. Meta marru, fuq il-post fejn kienet din il-karozza, il-Pulizija mibghuta mix-xhud, dawn raw, ukoll, illi kien hemm "soft toy" imwahhal mal-hgiega fuq il-genb ta' wara taghha waqt li l-magna taghha kienet ghadha shuna. Inoltre gie verifikat illi din il-karozza, parkeggata fil-Hamrun, kienet registrata fuq certa Esther Borg izda kinet tintuza minn Mario Borg residenti f'Triq Censu Borg, fil-Hamrun (ara ukoll ir-ritratti a fol 114 ibid). Konsegwentement gie arrestat dan Maro Borg, li cahad li kien involut fil-kaz in desamina. Pero'

skond l-istess investigazzjoni il-konjugi Martin u Rita Mifsud kienu gharfuh fl-ghassa, bhala l-persuna li raw fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta’ Ottubru 1991, kif hawn fuq premess. Difatti Rita Mifsud specifikat illi l-istess Mario Borg, (l-akkuzat odjern) kien dak li kien qed jipprova jisgassa l-bieb tar-residenza ta’ Joseph Mifsud. Martin Mifsud kien spjega, ulterjorment, illi hu matul l-istess lejl, kien mar vicin l-istess karozza msemmija bil-“van” tieghu u kien waqaf ma genb l-istess karozza. Hawnhekk “xi hadd” kien hareg idu mill-istess “Volkswagen” “…b’xi oggett f’idejh li hu ma gharafx”. Dan kien qal ukoll illi l-akkuzat kien wiehed mill-persuni li hu ra fl-istess “Volkswagen”. Sussegwentement Mario Borg, dejjem l-istess akkuzat, kien gie interrogat verbalment (izda wara d-debita twissija skond il-ligi kif xehed l-Ispettur Carmel Demicoli a fol 16 ibid) u dan kien spjega lix-xhud illi fil-lejl bejn it-8 u d-9 ta’ Ottubru 1991 hu kien ipparkegga l-vettura tieghu msakkra ghall-habta tat-8pm u dan vicin ir-residenza tieghu. Inoltre, f’xi hin ossija bejn it-8pm u l-10pm kien barra mid-dar tieghu u fl-10pm kien dahal gewwa, fl-appartament tieghu f’Triq Censu Borg fil-Hamrun minn fejn hareg sabiex jixtri hobza mill-forn tad-derubat, Joseph Mifsud. Hawnhekk ix-xhud ghamel referenza ghall-<u>istqarrija bil-miktub</u> rilaxxata mill-akkuzat izda mhux iffirmata minnu u li tinsab esebita a fol 19 u fol 20 ta’ dawn l-atti minn fejn jidher illi jista’ jinghad illi l-akkuzat ma wiegeb kwazi ghal ebda domanda, kif kellu d-dritt jaghmel. <u>In kontro ezami</u>, ix-xhud spjega illi kienet saret tfittxija fir-residenza u karozza tal-akkuzat ghall-habta tas-6am tad-9 ta’ Ottubru 1991 (liema tfittxija kienet fin-negattiv in konnessjoni ma’ refurtiva). Inoltre, meta l-akkuzat kien intwera lil Martin u Rita Mifsud, hu kien gie muri lilhom wahdu minghajr ma saret “identification parade” (ara ukoll ix-xhieda tal-<u>Ispettur Carmel Demicoli</u> a fol 15 et seq ibid li ghaliha digja saret referenza kif ukoll ta’ <u>PS 497 Alfred Fabri</u> a fol 32 et seq ibid li esebixxa ukoll <u>kopja tar-rapport</u> dwar is-serqa in ezami skond kif sar minn Martin Mifsud).

Illi <u>Godwin Mifsud</u> (fol 41 et seq ibid) residenti F’Triq in-Nazzarenu f’tas-Sliema u dan magenb dik ta’ huh Martin Mifsud, spjega illi hu jiggestixxi forn tal-hobz fil-Hamrun. Matul il-lejl ta’ data li ma setax jiftakarha, hu u huh kienu

fl-istess forn meta ghall-habta tas-1.30am kienet cemplet mart l-istess u nformat lil dan li kien hemm tnejn minn nies qedin jippruvaw li jisgassaw ir-residenza ta' huh iehor bl-isem ta' Joseph Mifsud u li tinsab f'Triq Gafar f'Tas-Sliema. Sussegwentement ghall-habta tas-2.15am, ix-xhud mar ukoll vicin ir-residenza ta' Joseph Mifsud u kif wasal, bil-"van" tieghu f'Triq Camenzuli sabiex jdur ghal Triq Gafar, hu kien ra' ragel ossija zaghzugh jaqsam bejn zewg karozzi kif ukoll lil huh, Martin "imgennen u "imwerwer" waqt li jitolbu sabiex jitla' fuq il-"van" tax-xhud. L-istess huh kien qallu li "xi persuna" poggiet "xi haga ma wiccu" minn go tieqa ta' karozza tal-marka "Volkswagen" ghal dik tal-"van" tieghu. Ix-xhud semma' illi ma kienx ra' din il-karozza avolja prova jsibha. L-istess huh kien qallu li dik il-karozza kellha l-kulur tal-kafe bil-halib u kellha daqqa fuq quddiem. Wara mar vicin ir-residenza ta' huh Joseph u ra' li kellha, fuq il-bieb sinjali ta' sgass. L-ghada, hu rceva telefonata minghand huh Martin, ghall-habta tat-3am u dan qallu li kien ra "il-bieb ta' hija" li kien miftuh. Difatti hu ra' li l-bieb tar-residenza ta' Joseph Mifsud kien miftuh permezz ta' sgass. Sussegwentement, hu irrakkonta kif it-tlett ahwa, Godwin, Martin u Joseph allegatament sabu fil-Hamrun, il-karozza li Martin Mifsud kien ra vicin ir-residenza tal-istess Joseph Mifsud izda hu specifika li din il-vettura tal-marka "Volkswagen Beetle" ma kienx ra qabel ma nstabet f'dik il-lokalita, vicin il-forn ta' huh, Joseph li kien ra' qed tigi parkegjata ghall-habta tal-3.45am. Hawhekk ix-xhud semma illi l-magna ta' din il-karozza kienet ghadha shuna u kellha daqqa fuq quddiem, pupu mdendel ma hgiega u kienet kulur safrani. Jigi notat illi, dwar dak il-bniedem li hu ra jaqsam bejn zewg karozzi, hu qal "jiena ma nistax niddiskriviha pero kienet pjuttost zaghzugha.

Illi, dwar <u>Joseph Mifsud</u> (fol 46 u fol 109 et seq ibid) dan qal illi jiggestixxi forn f'Triq Censu Borg fil-Hamrun. Fil-lejl tat-8 ta' Ottubru 1991, hu kien mar fl-istess forn ghall-habta jew wara t-8pm. Matul l-istess lejl ghall-habta tal-3.45am, kien gie huh Martin sabiex jinformah illi xi hadd kien ikkometta serq fir-residenza tieghu. Ghalhekk hu telaq ma huh u hallew fil-forn lavrant u certu "Mario" ossija l-akkuzat li kien gie, fil-forn "qabel ma gew huti". Meta kien

wasal hemm, fir-residenza tieghu, kien sab li kellu l-bieb sfurzat u sgassat u taqlib konsiderevoli, internament. Meta rritorna lura fil-forn, hu kien ra flimkien ma hutu, karozza "…bhal ma kien semmieli wiehed minn huti" ossija wahda tal-marka "Volkswagen Beetle" ta' kulur safrani kif ulterjorment deskritta mix-xhud precedenti waqt li kienet parkeggata ftit il-fuq mill-forn tieghu. Dwar din il-karozza, hu kien ra' "xi hadd" jsuqha kemm qabel kemm wara d-delitt in ezami u dan ghall-habta ta' nofs il-lejl u tat-3am fiz-zewg okkazjonijiet, misjuqa mill-akkuzat. Ix-xhud spjega li hu kien jaf lil dan sew minhabba li jirresjedi xi ftit il-boghod mill-forn tieghu jew peress li l-akkuzat kien jigi fl-istess forn sabiex jixtri hobza, kif jidher li ghamel matul l-istess lejl mid-dehra ghall-habta tat-3am. Ix-xhud semma li, matul il-lejl ta' qabel, meta allegatament kien sar tentattiv ta' sgass fir-residenza tieghu, l-istess akkuzat kien fil-forn tieghu ghall-habta tal-10pm, f'liema hin kien qal lix-xhud illi ser jmur f'daru sabiex jorqod. Pero', ghall-habta ta' nofs il-lejl, kien rah, lill-akkuzat, sejjer l-hemm fl-istess vettura u dan ghall-habta ta' nofs il-lejl. Inoltre "jiena gejt infurmat bil-kaz meta jiena kont fil-forn u kien hemm Mario hdejja, cjoe l-imputat".

Illi Martin Mifsud (fol 52 et seq ibid) spjega illi, b'referenza ghat-tentattiv ta' serq, illi wara telefonata li saret minn martu dwar dak li kienet rat, hu mar bil-"van" tieghu u wara li saq kontra s-sinjal tat-traffiku hu kien ra' ghall-habta tas-12.45am "Volkswagen Beetle", b'"bumper" kulur iswed u kulur "gej mis-safrani". F'din il-karozza, meta hu waqaf izda mhux "…ghal kollox", hu kien ra' lill-akkuzat, bilqeghdha fuq is-"seat" tal-passigier flimkien ma ragel iehor. Sussegwentement hu qal li l-akkuzat kien bil-qeghdha wara s-"seat" tas-sewwieq. Waqt li hadd minn dawn ma' kellmu, hu kien ra' "xi haga hierga mit-tieqa pero' ma' nistax nispjega x'inhu". Hu semma illi t-triq in kwistjoni hi mdawla b'bozza tal-Gvern vicin il-bieb ta' huh kif ukoll kien hemm id-dawl tal-"van" tieghu kif ukoll ta' tabella tal-forn. Matul il-lejl tal-ghada, martu kienet qajjmitu ghall-habat tat-3am, hu kien ra' li l-bieb tad-dar ta' huh, Joseph, kien imbexxaq kif ukoll ragel hiereg mill-istess bieb u jigri l-hemm. Dwar l-istess ragel hu qal "….jiena gharaft lil din il-persuna li rajt hierga mill-bieb ta'

Joseph u nghid li hija l-istess persuna li jiena rajt gurnata qabel cioe qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-awla" u "nerga' nghid li jiena rajt lill-imputat, u dan qed nghidu b'certezza, hiereg mid-dar ta' hija Joseph". Kien hawnhekk li hu saq minn Tas-Sliema lejn il-Hamrun u barra mill-forn tieghu kien sab lill-huh Joseph u nfurmah dwar l-akkadut. Dak il-hin, huh dahal gewwa fil-forn u x-xhud, minn barra, kien semghu jitkellem ma persuna ohra. Difatti "Jien, ukoll, smajt, bniedem jghid lill-hija Joseph biex ma jippanikjax ghax aghar. Minn qal dan il-kliem …..jien ma rajtux". Fil-kontro ezami hu ddeskriva u rrakkonta kif saret "identification parade" jekk tista' tigi msejjha hekk, billi "…jiena harist minn toqba (fl-ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema). Minn din it-toqba jiena rajt lill-imputat….wahdu…l-imputat kellu idejh marbutin quddiemu". Inoltre hu kien intwera ukoll, ritratt li "Jekk niftakar sew …kien ta' l-imputat stess". Dwar dan ir-ritratt, pero', u jekk gie muri lilu xi ritratt, ix-xhud wera dubbju dwar dan.

Illi Rita Mifsud, mart Martin Mifsud, spjegat, kif matul il-lejl ta' qabel is-serqa, hi kienet ghall-habta tas-1.30am, rat karozza ("Volkswagen" minn dawk it-tondi") parkeggata quddiem ir-residenza taghha u mill-istess karozza kienet rat persuna hierga minnha u tipprova tiftah il-bieb tar-residenza ta' Joseph Mifsud, li tinsab faccata. Dwar din il-persuna ossija ragel li rat, hi kienet zgura li kien l-imputat. L-ghada, matul il-lejl, hi rat li l-istess bieb kien imbexxaq u xejn aktar. Din ix-xhud, ukoll, iddeskriviet xi ftit, l-imsemmija "identification parade" rudimentali meta qalet "…dan il-bniedem li wrewni kien…l-imputat…(li)…kien wahdu u kien hemm biss pulizija mieghu".

Illi, mart id-derubat, Simone Mifsud (fol 74 et seq ibid) semet illi fid-9 ta' Ottubru 1991 ghall-habta tat-3.30am/4am hi kienet fil-forn ta' zewgha f'Censu Borg Street, Hamrun. Meta waslet hawn, fil-hin imsemmi, hi dahlet gewwa u kif dahlet "…gie certu wiehed ragel jismu Mario" ossija l-istess akkuzat. Wara ftit dahal zewgha u qalilha "li serquna". Ghalhekk hi telqet u thalla ghassa mal-forn l-istess akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi s-Supretendent Joseph M. Azzopardi (fol 102 et seq ibid) semma' li kien irceva nformazjoni minghand Antonette Spiteri li tirresjedi fl-appartament numru 3, John Flats, fl-istess Triq Censu Borg, Hamrun. Din il-mara tatu ukoll pakkett kontenenti, fost oggetti ohra irrilevanti ghal dan il-kaz, zewg imsielet kbar li ntgharfu bhala parti mir-refurtiva f'dan il-kaz minn Simone Mifsud (ara fol 117 sa fol 119 ibid). Dwar dan il-pakkett, hu kien gie nfurmat li nstabu fuq bejt. Dan gie konfermat minn Antoinette Spiteri (fol 135 u fol 144 et seq ibid) li spjegat illi "sbieh l-erbgha" minghajr ma setghet tghid x'data kienet, hi kienet semghet, ghall-habta tal-5am, passi fuq il-bejt tal-appartament. Sussegwentement, wara li giet lura mix-xoghol, hi telghet fuq il-bejt, hi kienet rat pakkett abjat bl-ittri HD suwed fuqu li kien fuq il-bejt tal-vicina taghha certa "Stella ossija Stella Axiaq". Ghalhekk, ghall-habta tal-4.30pm, hi marret ghand "Stella" u meta nfetah minnhom instab li go fih kien hemm siringi u "xi deheb" ossija "xi msielet kif ukoll xi haga twila xi gizirana" oltre "cheque book" u "xi powder". Jumejn wara, hi kienet rat lill-mara tal-akkuzat u l-mara ta' hu dan ghassa ghal fuq il-bejt tal-istess vicina fejn kien instab minnha l-istess pakkett. Gew prodotti dwar dan l-episodju Carmelo Axiaq, mizzewweg lil Stella Axiaq u l-istess martu (fol 146 u fol 156 et seq ibid) in konferma tal-istess xhieda ta' Antoinette Spiteri.

Ikkunsidrat

Illi, in difeza, gew prodotti biss xhieda in kontroezami cjoe;

a) Ex-PC 325 Francis Attard (fol 171 et seq ibid) u dan b'referenza ghax-xhieda tieghu precedenti u principalment in rigward il-hin meta kien dahal xoghol matul il-perjodu in ezami.

b) Antoinette Spiteri (fol 179 et seq ibid) li semmiet illi kienet semghet il-bieb tal-appartament numru 2, fejn jirresjedi l-akkuzat , martu u t-tfal tieghu, jinghalaq bejn it-3am u l-5am tal-istess lejl. Hi kienet ukoll semghet il-bieb tal-bejt li kien qed jinghalaq.

c) Joseph Mifsud (fol 186 et seq ibid).

d) Simone Mifsud (fol 196 et seq ibid) qalet illi qabel l-incident in ezami hi kienet digja taf lill-akkuzat, li kien jixtri xi hobza mill-forn gestit minn zewgha.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti trid a bazi tal-provi kif esposti tara jekk tistax tasal ghall-konkluzzjoni illi l-akkuzat odjern kien involut fiz-zewg kazijiet in ezami minghajr ma jissusisti dubbju dettat mir-ragun.

Illi, fuq naha wahda, hemm dawk li xehedu Martin Mifsud, dwar it-tentattiv ta’ serqa u s-serqa in ezami kif ukoll martu Rita u dan dwar l-incident tar-ragel involut fiz-zewg kazijiet u li skond huma kienu certi li kien l-akkuzat. Dwar dan pero’ l-Qorti trid tissottolinia l-mod kif gie identifikat minnhom l-imputat qabel ma nbdew il-proceduri odjerni. Difatti huma kienu gew murija ragel wahdu b’idejh marbutin fuq quddiem u b’pulizija, biss mieghu. Certament dan mhux il-mod kif ghandha tinzamm “identification parade” u filfatt dan il-metodu, kif kien jintuza dari, ma hux wiehed li fuqu tista’ tistrieh Qorti meta tigi biex tivvaluta l-htija, o meno, ta’ persuna. Dan il-fattur, seta’ facilment influwenza dawn iz-zewg xhieda meta xehdu quddiem il-Qorti u minhabba hekk, l-istess Qorti ma tistax tikkonkludi illi, effettivament, tista’ tistrieh fuq ix-xhieda taghhom meta dawn gharfu lill-akkuzat waqt ix-xhieda taghhom “viva voce”.

Illi minn naha l-ohra hemm il-fatt illi skond kif xehdu d-derubati, matul il-lejl tas-serqa in ezami, l-akkuzat ghall-habta tat-3.30am kien fil-forn taghhom waqt li Martin Mifsud spjega illi kien ra’ r-ragel hiereg mid-dar ta’ huh, id-derubat, meta kienu t-3am. Hawnhekk il-Qorti tara’ li jista’ jkun, fuq bazi ta’ probabilita, illi meta kienet qed tigi kommessa s-serqa, l-akkuzat seta’ kien fil-vicinanzi tal-forn tad-derubati fil-Hamrun.

Illi, a bazi ta’ dak premess, il-Qorti tara’ li avolja l-akkuzat seta’ fuq bazi ta’ probabilita kkommeta din is-serqa u t-tentattiv ta’ serq, hemm nieqes l-element ta’ “beyond a

reasonable doubt” rikjest mill-ligi sabiex il-Qorti tkun tista’ tghid, b’mod pakat, illi l-akkuzat hu hati tal-akkuzi.

Illi, dan premess, il-Qorti mhux ser issemmi u tezamina provi ohra indizjarji li ngibu waqt dawn il-proceduri in vista’ li, fid-dawl ta’ dak premess, dawn huma insufficjenti. Pero’ ta’ minn jinnota illi Martin Mifsud, meta xehed dwar min kien fil-karozza kif spjegat hawn fuq, kien qal illi l-akkuzat kien fuq is-“seat” tal-passigier izda wara hu kien innega li hu kien qal dan u qal li l-akkuzat kien fuq is-“seat” tas-sewwieq. Inoltre, mill-provi forensici ma rrizultat ebda prova li tista’ tikkollega l-akkuzat mal-fatti in ezami.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------